**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 23 ta' Novembru 2017**

**Pulizija**

**Spettur Josric Mifsud**

**Vs**

**Carmel Mugliett**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Carmel Mugliett, 53 sena, bin Karmenu u Maria nee' Gatt, imwieled Pieta' nhar it-13 ta' Lulju, 1962, residenti fil-fond numru 12, Flat 1, Triq il-Friefet, Marsaskala, detentur tal-karta tal-identita' numru 457762M;

Talli:

1) Nhar it-22 ta' Frar, 2015, ghall-habta ta' bejn it-tmienja w nofs u d-disgha ta'filghodu (0830 – 0900hrs) seraq 'electric shaver' tal-ghamla Remington Grooming Kit 5-in-1 *Edge* minn gewwa l-fond Scotts Super Market, Zabbar, ghad-detriment ta' Scotts Ltd, liema serq huwa kkwalifikat bil-lokk u bil-hin;

2) Nhar l-24 ta' Jannar, 2015, ghall-habta ta' bejn il-hamsa u l-hamsa w nofs ta' filghaxija (1700 – 17300hrs) seraq 'electric shaver' tal-ghamla Remington Mini Crimper minn gewwa l-fond Scotts Super Market, Zabbar ghad-detriment ta' Scotts Ltd, liema serq huwa kkwalifikat bil-lokk u bil-hin;

3) Nhar id-19 ta' Gunju, 2014 ghall-habta ta' bejn it-tmienja w nofs u d-disgha ta' filghodu (0830 – 0900hrs) seraq 'electric shaver' tal-ghamla Remington Haircutter Pro minn gewwa l-fond Scotts Super Market, Zabbar, ghad-detriment ta' Scotts Ltd, liema serq huwa kkwalifikat bil-lokk u bil-hin;

4) Nhar is-26 ta' Jannar, 2014, ghall-habta ta' bejn is-siegha w is-sitta ta' wara nofsinhar (1300 – 1800hrs) seraq mija u hamsin euro (€150.00) fi flus minn

gewwa l-fond COL Confectionery, Triq il-Vitorija, Isla, ghad-detriment ta' Christopher Schembri, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz;

5) Ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

6) Ukoll il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-provi prodotti f'din il-kawza, irrisulta li l-imputat inqabad fil-fatt fil-pussess ta' oggetti misruqa mill-fond Scotts Supermarket gewwa Haz-Zabbar. L-oggetti misruqa ma ammontawx ghal ammont ta' flus li jeccedi l-mitejn u tletin Ewro, madankollu s-serq kien aggravat bil-lok u l-hin. Fl-istqarrija tal-imputat, hu ammetta li effettivament kien seraq l-oggetti in kwistjoni. Ghalhekk l-ewwel tlitt imputazzjonijiet jirrisultaw ippruvati fil-konfront tieghu.

Kwantu ghar-raba' u l-hames imputazzjoni, dawn ma gewx ippruvati b'mod soddisfacenti mill-Prosekuzzjoni. Ghall-finijiet ta' recidiva, ma giet esebita ebda sentenza, mentri kwantu ghas-serq fil-konfront ta' Christopher Schembri, il-provi prodotti fil-konfront tal-imputat ma gewx ikkonfermati. Ghalhekk l-imputat ghandu jigi lliberat minn dawn iz-zewg akkuzi.

Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, l-imputat ghandu jinstab hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni, u bhala piena ghandu jservi sena prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 269, 270, 49, 50, 289 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti mhix qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tar-raba' w il-hames akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk qieghda tilliberah minnhom.

In oltre din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-ewwel, it-tieni w it-tielet akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha ghall-piena ta' sena prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**